# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Settembru 2015**

**Numru 2**

**Rikors numru 69/13 AE**

**Wallace Falzon u All Invest Company Limited**

**v.**

**Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**

## Preliminari

**1.** Dan hu appell intavolat mir-rikorrenti Wallace Falzon u All Invest Company Limited minn sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), fit-3 ta' Ottubru 2014, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

**Ir-rikors promotorju**

**2.** Bir-rikors taghhom tal-20 ta' Settembru 2013, l-atturi talbu lill-ewwel Qorti joghgobha:

> "1. Tiddikjara illi d-direttiva tas-16 ta' Settembru 2013 u kull direttiva jew decizjoni sussegwenti u/jew konnessa /jew konsegwenzjali jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Artiklou 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;
>
> "2. Taghti dawk il-mizuri *ad interim* xierqa u effettivi sabiex tikkawtela id-drittijiet fondamentali kolha tar-rikorrenti;
>
> "3. Taghti kull ordni u provvediment xieraq u effettiv sabiex tnehhi din il-vjolazzjoni nkluz li tiddikjara li d-direttiva tas-16 ta' Settembru u kull direttiva jew decizjoni sussegwenti u/jew konnessa u/jew konsegwenzjali hija nulla u rrita fil-ligi;
>
> "Bl-ispejjez u l-ingunzjoni in subizzjoni ta' l-intimati."

**3.** Il-fatti migjuba fir-rikors promotorju u li minnhom jilmentaw ir-rikorrenti huma kif gej:

> "1. Premess illi r-rikorrenti Wallace Falzon huwa direttur uniku tas-socjeta rikorrenti All Invest Company Limited, liema socjeta kienet awtorizzata mill-Awtorita' intimata sabiex tipprovdi servizzi ta' investiment skont l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370);
>
> "2. Illi s-socjeta rikorrenti kienet ilha ghal xi zmien tirriskontra diffikolta' biex tkompli tiggestixxi n-negozju taghha tant li ghall-habta ta' Settembru/Ottubru 2012 is-socjeta rikorrenti avvzat lill-Awtorita' intimata bil-hsieb taghha illi tibda tnaqqas l-attivitajiet taghha;
>
> "3. Illi minn dak iz-zmien ix-xoghol tas-socjeta rikorrenti kompla jonqos drastikament tant li r-rikorrenti Wallace Falzon beda jithasseb dwar il vijabbilita' finanzjarja tan-negozju tas-socjeta rikorrenti u ghalhekk sa' minn Marzu 2013 ir-rikorrenti bdew jitolbu illi jiltaqghu mar-rapprezentanti tal-Awtorita' intimata sabiex jgharrfuha bil-hsieb taghhom illi jcedu il-licenza mahruga lis-socjeta rikorrenti taht il-Kap 370 u hejjew ukoll abbozz ta' ittra f'dan is-sens sabiex jiddiskutuha mar-rapprezentanti tal-Awtorita' qabel ma jipprezentawha formalment kif inhi l-prassi fis-settur.

“4. Illi minkejja l-urgenza tal-materja r-rapprezentanti tal-Awtorita’ intimata bdew itawwlu l-process billi l-inkontru propost li jsir fit-02 ta’ April 2013 gie pospost diversi drabi, l-ewwel ghal-04 ta’ April 2013 u sussegwentement ghat-08 u s-17 ta’ April 2013; Illi in vista ta’ dan id-dewmien is-socjeta rikorrenti kkommunikat mal-Awtorita’ intimata permezz tal-konsulent legali taghha, l-Avukat Dr. James Scerri Worley li f’email tal-10 ta’ April 2013 talab lill-istess Awtorita’ ghan-nom tas-socjeta rikorrenti "… it is really important that we do meet next week (either at the agreed time or at an alternative time) as my clients do need to brief the regulator about the various developments and about the surrendering of their licence … In the meantime they have commenced to inform clients that they intend to surrender their licence and providing them with various options with regard to their particular investments"; Illi eventwalment l-inkontru in kwistjoni sehh fis-16 ta’ April 2013 li fiha giet ipprezentata l-ittra abbozzata mis-socejta rikorrenti fit-08 ta’ Marzu 2013 u li permezz taghha talbet li c-cedi l-licenzja mahruga lilha mil-Awtorita’ intimata taht il-Kap. 370;

“5. Illi l-Awtorita Intimata u s-socjeta rikorrenti komplew jiskambjaw korrispondenza fosthom permezz ta' ittri tal-konsulent legali tas-socjeta rikorrenti Dr. Roderick Zammit Pace tat-3 ta’ Mejju 2013 fejn l-Awtorita’ intimata giet infurmata illi:“The decision of All Invest’s board of directors to surrender its licence has been made inter alia to mitigate the company’s potential future losses and to avoid future inadvertent breaches of its licence conditions. The Authority’s decision not to accept our clients’ request to surrender All Invest’s licence appears to us to be arbitrary and likely to cause serious prejudice to our clients”.

“6. Illi minkejja dan kollu, permezz ta’ ittra tas-06 ta’ Gunju 2013 l-Awtorita’ intimata infurmat lis-socjeta rikorrenti bid-decizjoni finali taghha li permezz taghha inter alia rrifjutat ic-cessjoni tal-licenza tas-socjeta rikorrenti u ddecediet illi minflok tissospendi l-istess licenza. Illi ghalkemm is-socjeta rikorrenti ma qablitx ma’ din id-decizjoni, u f’dan ir-rigward intavolat appell a tenur tal-artikolu 19 tal-Kap. 370 u l-artikolu 21 tal-Kap. 330, peress illi hasset illi din l-istess decizjoni kienet inikwita u tikser id-drittijiet taghha, hija xorta wahda ottemperat ruhha mal-istess direttiva minghajr pregudizzju ghaddrittijiet kollha taghha; illi l-appell imsemmi tas-socjeta rikorrenti prezentement jinsab pendenti quddiem it-Tribunal ghas-Servizzi Finanzjarji (All Invest Co. Limited vs Awtorita’ Ghas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta FST01/2013);

“7. Illi jigi rilevat ukoll illi mid-9 ta’ Mejju 2012 sa’ llum gew intavolati il-proceduri gudizzjarji segwenti kontra s-socjeta rikorrenti quddiem din l-Onorabbli Qorti fejn l-atturi qed jallegaw mis-selling kontra s-socjeta rikorrenti u jitolbu l-hlas ta’ danni ngenti allegatament sofferti minnhom:

“(i) Cutajar Saviour vs All Invest Company Limited rik. gur nru 458/2012;

"(ii) Debono Paul Pro Et Noe Et vs All Invest Company Limited rik. gur nru 620/2013;

"(iii) Camilleri John Mary Et vs All Invest Company Ltd rik. gur nru 695/2013;

"(iv) Abela Nazzareno Et vs All Invest Co. Limited et rik. gur nru 692/2013;

"8. Illi ghalkemm is-socjeta rikorrenti qedha tikkontesta fermament dawn ittalbiet bhala assolutament infondati ghandu jigi rilevat, minghajr pregudizzju ghall-posizzjoni tas-socjeta rikorrenti, illi potenzjalment id-danni li qed jitolbu l-atturi fil-kawzi fl-ismijiet suriferiti jeccedu l-attiv nett tas-socjeta rikorrenti filgurnata odierna (l-attiv nett tas-socjeta rikorrenti fis-6 ta' Settembru 2013 kien ta' €144,553); illi inoltre l-flejjes tas-socjeta rikorrenti jinsabu maqbuda permezz ta' mandati ta' sekwestri kawtelatorji mahruga fuq talba tal-atturi suriferiti u ghalhekk is-socjeta rikorrenti prezentement ghandha problema serja ta' nuqqas ta' likwidita' u ma tistax tkompli topera;

"9. Illi effettivament is-sitwazzjoni prezenti hija illi s-socjeta rikorrenti ma ghadhiex "going concern", mhiex f'posizzjoni illi tkompli topera n-negozju taghha ghar-ragunijiet kollha suesposti, ma ghandha l-ebda dhul iehor u l-attiv taghha qieghed dejjem jigi mikul bl-ispejjez tal-operat;

"10. Illi fid-dawl ta' dan kollu u tenut kont ukoll tad-disposizzjonijiet tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386), fosthom l-artikoli 312, 316 u 320 tal-Kap. 386 apparti disposizzjonijiet ta' ligijiet ohra fosthom l-Att dwar l-Impiegi u r- Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), l-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap. 318) u l-ligijiet fiskali tal-pajjiz, is-socjeta rikorrenti ghaddiet rizoluzzjoni straordinara fit-12 ta' Settembru 2013 li permezz taghha gie deciz illi s-socjeta rikorrenti ghandha tigi xolta u konsegwentement stralcjata minn dina l-Onorabbli Qorti skont l-art. 214(1)(a) u/jew l-art. 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386 u dan a tenur ta' lart. 218(1) tal-Kap. 386;

"11. Illi ghalhekk is-socjeta rikorrenti intavolat rikors fit-13 ta' Setembru 2013 li permezz tieghu talbet illi dina l-Onorabbli Qorti joghogobha, prevja ddikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha necessarji u opportuni tordna illi ssocjeta rikorrenti tigi xolta u konsegwentement stralcjata minn dina l- Onorabbli Qorti kif inghad u inoltre illi sakemm tinghata decizjoni finali jigi appuntat amministratur provvizorju sabiex jiehu hsieb l-amministrazzjoni talistess socjeta' rikorrenti, dan ir-rikors igib in-numru 888/2013 JZM (kopja tar rikors hija hawn annessa u esebita bhala Dokument AW1); illi s-socjeta rikorrenti informat l-Awtorita intimata bir-rikors surreferit fl-istess gurnata permezz tal-konsulent legali taghha;

"12. Illi b'permezz ta' direttiva datata 16 ta' Settembru 2013, hawn annessa u mmarkata bhala Dok AW2, indirizzata lir-rikorrent Wallace Falzon bhala ddirettur tas-socjeta rikorrenti, l-Awtorita intimata ordnat is-segwenti bhala "Directives with Immediate Effect": "the MFSA hereby

directs the Company to delay the winding up of its business until such time as the following conditions are satisfied:

> ““a) The transfer of clients’ holdings is completed in an orderly manner; and
>
> “b) Any pending complaints/court proceedings instituted against All Invest have been determined by the courts;
>
> “c) The Authority is satisfied that arrangements are in place for the proper safeguard of the company’
>
> *“Omissis*
>
> “This directive has immediate effect and is without prejudice to any further regulatory action which the Authority may deem necessary against All Invest Co. Ltd and/or Mr. Wallace Falzon personally.”

“13. Illi immedjatament wara permezz ta’ email datata 17 ta’ Settembru 2013 hawn annessa u mmarkata bhala Dokument AW3 l-Awtorita’ fissret iddirettiva taghha fis-sens illi:

> ““You are being requested to confirm in writing by not later than 18th September 2013 your full and immediate compliance with the Authority’s Directive of the 16th September and that consequently you will be withdrawing the application filed in the Civil Court for the dissolution and winding up of All Invest Company Limited.”

“14. Illi mitluba sabiex taghti raguni ghal agir taghha l-Awtorita intimata wiegbet li a tenur tal-Artiklu 15 tal-Kap 370 hija ghandha l-awtorita’ taghti kull provvediment li jidhrilha (vide l-ittra tad-19 ta’ Settembru 2013, kopja esebita bhala Dokument AW5): “Article 15 of the Investment Services Act, clearly gives the power to the Auhority to issue directives whenever it deems necessary. Furthermore, the same article states that any person who is or was providing, or who appears to have been providing, an investment service, to whom or to which the notice is given shall obey, comply with and otherwise give effect to any such directive within the time and in the manner stated in the directive or further directive. Given that All Invest is a licensed entity, as specified in article 15 of the Investment Services Act, it needs to comply and abide with the requirements set out in any directive issued by the Authority.”

“Illi L-Awtorita’ intimata ikkonfermat ukoll ill:

> ““Article 21(17) of the MFSA Act specifically provides that an appeal shall not suspend the operation of any decision or directive from which the appeal is made. We therefore reiterate that All Invest is to abide to the requirements of the directive of the 16th September 2013 with immediate effect.”.

“15. Illi dan ifisser illi r-rikorrenti Wallace Falzon proprio u All Invest Company Limited qed jigu impoggija f’posizzjoni impossibli fejn: (i) jekk

ma jottemperawx ruhhom mad-direttiva tal-Awtorita' (liema direttiva filfehma umli taghhom hija rrita u kontra l-ligi) huma ser ikunu jesponu ruhhom ghal sanzjonijiet regolatorji u amministrattivi taht l-istess Kap. 370 fosthom penali amministrattiva sa' €150,000 minghajr il-htiega ta' ebda smiegh fil-Qorti, kif ukoll sanzjonijiet penali fosthom taht l-artikoli 22 u 23 tal-Kap 370 li jgorru multa sa' €466,000 u/jew prigunerija sa' erba' snin; u (ii) mill-banda l-ohra jekk jottemperaw ruhhom mal-istess direttiva billi jcedu il-proceduri ta' stralc istitwiti quddiem il-Qorti u joperaw fi stat ta' insolvenza jesponu ruhhom ghall-konsegwenzi u sanzjonijiet ohra kontemplati fil-ligi kif diga imsemmi;

"16. Illi ukoll f'dan il-kaz jekk l-esponenti jobdu d-direttiva ta' l-MFSA tas- 16 ta' Settembru 2013 immedijatament ma jkun hemm l-ebda skop prattiku li jsir appell mill-istess decizjoni quddiem it-Tribunal ghal Servizzi Finanzjarji peress illi r-rikorrenti ikunu lahqu cedew il-proceduri gudizzjarji u ippregudikaw il-posizzjoni taghhom irrimedjabbilment;

"17. Illi kif inhu pacifiku l-procedura ta' stralc taht l-awtorita' tal-Qorti a tenur tal-Kap. 386 hija intiza sabiex jigu salvagwardati l-interessati kollha, fosthom klijenti u kredituri, attwali u potenzjali, tas-socjeta imqeghdha fi stralc, taht il-harsien u l-iskrutinju tal-Qorti; ghalhekk jekk l-Awtorita jidhirlha li hemm mizuri li ghandhom jittiehdu sabiex jigu protetti l-interessi ta' terzi inkluz tal-investituri, l-istess awtorita ghandha kull fakolta illi tressaq dawk is-sottomissjonijiet u talbiet li jidhrulha xieraq f'dan ir-rigward quddiem l-abbli Qorti li quddiemha qed jinstemghu l-proceduri ta' stralc;

"18. Illi ghalhekk jirrizulta ampjament li l-Awtorita minflok ma hi qieghda tissottometti ruhha ghall-gudizzju superjuri u indipendenti ta' din il-Qorti bil-mezzi previsti mil-ligi qieghda minflok tordna lir-rikorrenti sabiex huma stess icedu l-proceduri gudizzjarji li gew intavolati diga' minghajr ma jkun hemm smiegh xieraq tal-posizzjoni tar-rikorrenti;

"19. Illi ghalhekk din id-direttiva ma hemmx bzonnha; hija irragjonevoli u tikkostitwixxi abbuz ta' poter da parti ta' l-Awtorita' u vjolazzjoni serjissima tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja billi qieghda tinnega l-access ghal dawn il-Qrati.

"20. Illi kif spjegat hawn fuq ir-rikorrenti ma ghandhom l-ebda rimedju effettiv iehor hlief li jitolbu l-protezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti kontra dan l-agir abbuziv."

## Ir-risposta tal-Awtorita` intimata

**4.** Permezz tar-risposta taghha tat-3 ta' Ottubru 2013, l-Awtorita` intimata wiegbet ghar-rikors promotorju billi stqarret li kienet qed tikkontesta l-allegazzjonijiet u pretenzjonijiet tar-rikorrenti stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u, wara li tat dak li sejjhet ir-retroxena li wasslet ghad-decizjoni taghha li r-rikorrenti qeghdin jippruvaw jimpunjaw, issoktat kif gej:

*"omissis*

"Preliminarjament:

"17. Illi in linea preliminari, d-Direttiva mahruga mill-Awtorita' fis-16 ta' Settembru 2013 (id-Direttiva – vide dokument DM 1) hija ndirizzata lis-Sur Wallace Falzon fil-kapacita' tieghu bhala d-direttur wahdieni tal-All Invest u tirrigwarda strettament l-agir tal-All Invest bhala entita' licenzjata u regolata mill-Awtorita'. Din id-Direttiva mhix indirizzata lis-Sur Wallace Falzon fil-kapacita' personali tieghu u ghalhekk id-Direttiva tal-Awtorita' ma tistax tigi kkunsidrata li llediet id-drittijiet fundamentali tas-Sur Wallace Falzon;

"18. Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti qed jabbuzaw mill-process kostituzzjonali stante illi huma qed jadoperaw procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni taghhom rimedju ordinarju effettiv li setghu utilizzaw sabiex jikkontestaw id-Direttiva tal- Awtorita', u cioe setghu appellaw mid-Direttiva in kwistjoni quddiem it- Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji hekk kif stabbilit taht l-Artikolu 21 tal-Att Dwar Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330). Illi r-rimedju ordinarju li kien hemm ghad-dispozizzjoni tar-rikorrenti qatt ma gie utilizzat u minflok ir-rikorrenti hadu l-azzjoni sproporzjonata li jibdew il-procedura straordinarja odjerna. Ghalhekk jixraq li din il-Qorti tiddeklina milli tezercita lgurisdizzjoni kostituzzjonali taghha u tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors;

"Mertu

"(A) L-agir tal-Awtorita' huwa konformi mal-ligi.

"19. Illi fil-mertu, u subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-allegazzjoni illi d-Direttiva tas-16 ta' Settembru 2013 ma hemmx bzonnha, hija irragonevoli u

tikkostitwixxi abbuz ta' poter da parti ta' l-Awtorita', l-Awtorita' ma taqbel xejn dwar dan u tixtieq tissottolineja dan li gej:

"20. Illi hija r-responsabbilta u d-dover ta' l-Awtorita' skond il-ligi (Kap 330 Att Dwar Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta) li tassigura li l-entitajiet licenzjati minnha josservaw numru ta' ligijiet, regolamenti u Rules fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Hija wkoll responsabbilta' tal-Awtorita' moghtija lilha bil-ligi li thares is-settur tas-servizzi finanzjarji u tinvestiga allegazzjonijiet ta' prattika u attivitajiet li jkunu ta' hsara ghall-konsumaturi ta' servizzi finanzjarji u li tiehu dawk il-mizuri biex titwaqqaf jew tigi evitata kull prattika li tkun ingusta, dannegguza jew li xort'ohra taghmel hsara lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji. L-Awtorita' ma tistax tabdika minn dawn id-dmirijiet imposti fuqha bil-ligi. Jekk taghmel dan tkun hija stess li tkun qed tikser il-ligi. Hemm ukoll stennija minn naha tal-pubbliku illi l-Awtorita' tezercita ilpoteri moghtija lilha jekk kumpannija regolata mill-Awtorita' tkun agixxiet bi ksur tal-ligi u b'detriment ghall-interessi tal-investituri;

"21. Illi l-All Invest hija kumpannija licenzjata mill-Awtorita' u awtorizzata tipprovdi servizzi ta' investiment. Ghaldaqstant hija soggetta ghal numru ta' ligijiet, regolamenti u regoli fil-qasam tas-servizzi finanzjarji li huma amministrati u sorveljati mill-Awtorita';

"22. Illi d-Direttiva mahruga mill-Awtorita' fis-16 ta' Settembru 2013 fejn ordnat lill-All Invest biex jittardjaw ix-xoljiment u l-eventwali stralc tal-kumpannija sakemm jigu sodisfatti certu kundizzjonijiet inharget a bazi tal-poteri moghtija lill-Awtorita' taht l-Artikolu 15 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment (Kap. 370) u ai termini ta' Standard Licence Condition 1.14.

*"omissis*

"25. Standard Licence Conditions huma regoli mahruga taht l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap.370) li entitajiet licenzjati biex joffru servizzi ta' investiment huma marbuta bil-ligi li josservaw gia la darba tinhargilhom licenzja mill-Awtorita';

"26. Illi in oltre, l-ligi tipprevedi li entita' licenzjata mill-Awtorita' irid ikollha lkunsens bil-miktub tal-Awtorita' qabel ma tiehu kwalunkwe pass biex taghlaq l-operat taghha[5]. L-All Invest la kkonsultat mal-Awtorita' fuq ixxoljiment u l-istralc ta' din il-kumpannija u wisq inqas gabet il-kunsens rikjest bil-ligi minghand l-Awtorita' biex tipprocedi b'dan il-pass. Fil-fatt l-Awtorita' giet iffaccjata b'fait accompli sorprendenti da parti ta' din is-socjeta meta ir-rapprezentanti legali ta' All Invest infurmaw lill-Awtorita' li l-All Invest kienet ipprezentat rikors ghal stralc. Ghalhekk dak ir-rikors biex din is-socjeta tigi xolta u konsegwentement stralcjata sar bi ksur flagranti tar-regoli li japplikaw ghal All Invest;

"27. Illi ghalhekk id-Direttiva mahruga mill-Awtorita' fis-16 ta' Settembru 2013 hija kompletament in regola u ai termini tal-ligi u hija reazzjoni proporzjonata ghall-agir unilaterali tar-rikorrenti;

"28. Illi una volta dak li ghamlet l-Awtorita' huwa pjenament konformi mal-ligi, jekk ir-rikorrent ihoss li gew rezi id-drittijiet kostituzzjonali tieghu, allura semmai, kellu jattakka ilprovvedimenti tal-ligi, u mhux l-agir tal-Awtorita'.

"(B) L-agir tal-Awtorita la hu abbuziv u lanqas sproporzjonat

"29. Illi d-Direttiva tas-16 ta' Settembru 2013 ma waqatx mis-sema u ghandha tigi kkunsidrata fil-kuntest li fiha nharget. Lanqas hija irragjonevoli, abbuziva u bla bzonn kif qed jallegaw ir-rikorrenti – anzi, l-unika raguni ghaliex inharget din id-Direttiva huwa sabiex jigu salvagwardati l-interessi tal-klijenti tal-All Invest. Din id-Direttiva hija l-iktar wahda ricenti f'serje ta' Direttivi li l-Awtorita' harget lill-All Invest minhabba l-ksur da parti tal-All Invest ta' ligijiet u regolamenti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji f'Malta li affettwaw/jistghu jaffettwaw negattivament hafna lill-numru kbir ta' persuni li kienu jew ghadhom klijenti ta' All Invest kif se jigi spjegat iktar il-quddiem;

"30. Essenzjalment, jekk ir-rikors tal-All Invest ghal xoljiment u stralc jigi milqugh, se jigu rezi ineffettivi l-azzjonijiet regolatorji u direttivi in vigore hekk kif mehuda/mahruga mill-Awtorita' minhabba diversi ksur ta' ligijiet u regolamenti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji f'Malta mill-All Invest u sabiex jitharsu l-interessi tal-klijenti taghhom. Dan huwa probabbilment ir-rizultat li trid tottjeni l-All Invest u d-direttur wahdieni taghha;

"31. Illi in oltre, apparti numru kbir ta' lmenti li saru mal-Consumer Affairs Unit tal-Awtorita (s'issa 68), it-tmexxijja hazina u l-agir kontra l-ahjar interessi tal-investituri tal-All Invest wassal biex diversi klijenti ohra taghhom ghamlu protesti gudizzjarji kontra l-All Invest u/jew kontra s-Sur Wallace Falzon bhala direttur wahdieni (34) u sahansitra gew intavolati kawzi fil-Qrati taghna kontra l-All Invest u s-Sur Wallace Falzon (5). Jekk din il-kumpannija tigi xolta u stralcjata dawn il-klijenti tal-All Invest jistghu isibu ruhhom lampa stampa. L-All Invest donnha qeghda tipprova tizloq mill-konsegwenzi tal-agir taghha billi taqbad u taghlaq il-bibien taghha u tahrab mit talbiet u aggravji tal klijenti taghha stess;

"32. Ili ma ngabet ebda prova tal-abbuz ta' poter kif allegat mir-rikorrenti u fil-fatt din ma tistax tingieb ghax ma jezisti ebda abbuz ta' poter mill- Awtorita li anzi ezecitat id-dmirijiet taghha fl-interess tal-investituri b'mod proporzjonat u skond il-ligijiet u regolamenti illi ir-rikorrent stess kien volontarjamant accetta li jirrispetta u jobdi, anzi kien applika hu stess sabiex ikun jista jopera f'settur li huwa regolat u vigilat taht kwadru estensiv ta' normi amministrati mil-MFSA;

"33. Illi ghall-kuntrarju, jekk hawn abbuz, dan l-abbuz qed isir mir-rikorrent li qieghed palezement jabbuza mill-procedura ta' rikors kostituzzjonali ghalliskopijiet ulterjuri tieghu, biex jipprova jevadi r-regolamentazzjoni tal- Awtorita'. Dak li hu vera abbuziv huwa li l-akkuza daqstant gravi ta' abbuz ta' poter qeghda tigi imxejra b'mod frivolu u malafamanti minn persuna u entita' regolata li kienet u ghadha suggetta

ghal investigazzjonjiet li jistghu jinvolvu mijiet ta' investituri privati u miljuni ta' euro;

"34. Illi huwa ghal dawn ir-ragunijijet u f'dan il-kuntest li l-Awtorita' ezercitat il-poteri moghtija lilha bil-ligi u harget id-Direttiva tas-16 ta' Settembru 2013. Illi ghaldaqstant zgur li f'dawn ic-cirkostanzi wiehed ma jistax jikkonsidra din id-Direttiva bhala irragjonevoli, abbuziva u bla bzonn hekk kif qed jigi allegat mir-rikorrenti;

"(C) Lex specialis derogat Lex Generalis

"35. Illi fil-mertu, u subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-allegat ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponent jixtieq l-ewwel nett jirrileva illi-rikorrenti ma jindikawx ghall-liema paragrafi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja qeghdin jirreferu u ghalhekk mhux car ezattament ghal liema allegat ksur l-Awtorita' ghandha tirrispondi;

"36. Illi l-ilment tar-rikorrent donnu hu li bid-Direttiva taghha tas-16 ta' Settembru 2013, l-Awtorita' qed icahhad lir-rikorrent milli japplika ghall-istralc a bazi tal-Artikolu 214 tal-Kap. 386.

"37. Illi L-Awtorita' esponenti umilment tissottometti li r-rikorrent qua socjeta' licenzjata, awtomatikament hija soggetta ghal regim legali specjalizzat, u kwindi fost tali regolamentazzjoni hemm regoli precizi dwar meta u kif persuna tista' tapplika ghal stralc. B'hekk ir-rikorrent qua persuna licenzjata ma jistax jahrab minn tali regoli specjalizzati billi jmur ghallapplikazzjoni tar-regoli general, u imbaghad jghid li ghax qed jigi mitlub josserva r-regoli specjalizzati, allura qed jigi lilu negat xi dritt! – fi kliem iehor, ir-rikorrent ma jistax jahrab mir-regolamentazzjoni specjalizzata li huwa suggett ghaliha, billi jaqbad u japplika ghal stralc taht il-ligi generali.

"38. Illi l-Awtorita' mhux qeghda tghid li l-All Invest qatt ma tista tigi xolta, imma qeghda tghid illi f'dan l-istadju incert u fluwidu, bhala l-awtorita regolatrici ta' din il-kumpannija, l-Awtorita' ghandha l-obbligu skond il-ligi li ma thallix lill-All Invest tiehu passi li jistghu jfixklu l-andament ta' processi investigattivi u regolatorji li l-iskop ahhari taghhom huwa li jigu salvagwardati l-interessi u d-drittijet ta' investituri li gew "mis-sold" prodotti finanzjarji mill-All Invest u mis-Sur Wallace Falzon.

"39. Illi huwa ironiku li d-drittijiet fondamentali tal-bniedem jispiccaw jigu abbuzati minn persuni li qed jippruvaw jaharbu mir-responsabbiltajiet taghhom u minn fuq - jippruvaw ipingu lilhom infushom bhala vittmi u martri u jippruvaw inessu u jinjoraw l-aspettativi u l-interessi tal-klijenti taghhom meta dawn qed jirriskjaw li jitilfu flushom bhala konsegwenza ta' pariri u prattici hziena u llegali da parti tar-rikorrenti;

"40. Illi jigi sottolinejat li l-Awtorita mhux qeghda tghid li f'ebda hin issocjeta rikorrenti ma tista tigi xolta – l-Awtorita' qeghda semplicement tghid illi f'dan l-istadju presenti dan mhux fl-ahjar interess tal-investituri, u huwa intiz sabiex jipprova jimmina u jfixkel l-operat tal- Awtorita li hija responsabbli ghall-licenzja tal-All Invest u li ghandha l-obbligu legali li tivvigilha fuqha;

"41. Illi, in vista tas-suespost, ghandu jirrizulta li t-talba kontenuta fir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti Wallace Falzon u All Invest Company Limited ghandhom jigu michuda bl-ispejjez."

## Is-sentenza appellata

**5.** Wara li rriproduciet ir-rikors promotorju u parti sostanzjali tar-risposta tal-intimati li giet ukoll sostanzjalment riprodotta hawn fuq, l-ewwel Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet li gejjin u li wassluha ghas-sentenza taghha appellata u li minnhom jirrizultaw ukoll il-fatti tal-kaz kif jemergu mill-provi prodotti:

"Ir-rikorrenti tilmenta li d-dritt taghha ghal smiegh xieraq (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni) gie lez bid-direttiva li nghatat mill-intimata fis-16 ta' Settembru 2013 u ta' wara. Ir-rikorrenti targumenta li l-ordni tal-intimata sabiex iccedi l-proceduri ta' xoljiment li pproponiet wassal sabiex All Invest tigi mcahhda mid-dritt ta' access ghall-qorti.

"Mill-atti jirrizulta li:-

"1. All Invest hi kumpannija li nghatat licenzja mill-intimata sabiex taghti servizz ta' investiment skond l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370);

"2. Kien hemm numru ta' persuni li nvestew flus mar-rikorrenti li pproponew kawza kontriha (ara fol. 58-99).

"3. Fil-11 ta' April 2013 l-intimata baghatet lir-rikorrenti, rapport ta' indagni li ghamlet fil-konfront taghha. Il-konkluzjoni kienet li l-intimata kellha l-hsieb li tissospendi l-licenzja ta' All Invest minhabba n-nuqqasijiet li sabet. All Invest intalbet ukoll sabiex taghmel is-sottomissjonijiet finali qabel tittiehed iddecizjoni dwar jekk ghandhiex tigi sospiza l-licenzja.

"4. Fis-6 ta' Gunju 2013 l-intimata ordnat is-sospensjoni tal-licenzja ta' All Invest (fol. 139-157) peress li ma aggixietx fl-aqwa interess tal-klijenti u kisret varji Standard Licence Conditions tal-Investment Services Rules for Investment Services Providers.

"5. Fit-13 ta' Settembru 2013 ir-rikorrenti pprezentat rikors ghax-xoljiment talkumpannija (888/2013).

"6. Fis-16 ta' Settembru 2013 l-intimata harget direttivi lil All Invest fejn ordnat li:-

> "".... The Company delay the winding up of its business until such time as the following conditions are satisfied:
>
> "(a) the transfer of clients' holdings is completed in an orderly manner; and
>
> "(b) any pending complaints/court proceedings instituted against All Invest have been determined by the courts;
>
> "(c) the Authority is satisfied that arrangements are in place for the proper safeguard of the company's records and customer file."

"7. F'email datata 17 ta' Settembru 2013 l-avukat Dr Michelle Mizzi Buontempo, ufficjal tal- intimata, talbet lid-direttur ta' All Invest sabiex:

> ""....... to confirm in writing by not later than 18th September 2013 your full and immediate compliance with the Authority's Directive of the 16th September and that consequently you will be withdrawing the application filed in the Civil Court for the dissolution and winding up of All Invest Company Limited."

"8. Waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2013 id-difensur tal-intimata ddikjara: ".... d-direttiva tal-Awtorita hija limitata purament ghall-kontenut tad-direttiva mahruga mis-Supervisory Council tal-istess Awtorita' fis-16 ta' Settembru 2013 esebita bhala Dokument DM1 mar-risposta tal-istess Awtorita' u jikkjarifika li tali direttiva mhix qed tesigi l-ebda rtirar ta' proceduri ga' ntavolati izda verament delaying of the winding up". Wara li saret din id-dikjarazzjoni d-difensuri tar-rikorrenti kkonfermaw li l-ilment tarrikorrenti ".... hu limitat ghal fatt illi fl-ordni tas-16 ta' Settembru inghatat direttiva to delay the winding up of its business" (fol. 159).

*"omissis*

"It-tezi tar-rikorrenti hi li bl-ordni tas-16 ta' Settembru 2013, l-intimata qeghda ccahhad lir-rikorrenti milli tirrikorri quddiem il-qorti sabiex titlob ix-xoljiment ta' All Invest.

<u>"Locus standi ta' Wallace Falzon.</u>

"L-ordni tas-16 ta' Settembru 2013 hi kontra l-kumpannija (fol. 123). Madankollu hu fatt ukoll li l-ligi taghti l-poter lill-Awtorita' intimata li timponi multi amministrattivi f'kaz li l-kumpannija ma timplimentax l-ordni. Multi li jigu mposti wkoll fuq id-direttur tal-kumpannija.

"Ghaldaqstant il-qorti tikkonkludi li Wallace Falzon kellu nteress li jipproponi dawn il-proceduri flimkien ma' All Invest.

"<u>Rimedji Ordinarji</u>

"L-intimata ssostni li d-direttiva tal-Awtorita' setghet tigi kkontestata quddiem it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji, skond l-Artikolu 21 tal-Att dwar Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 330). Hu minnu li All Invest kellha jedd tappella mill-ordni tas-16 ta' Settembru 2013 quddiem it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji. Madankollu l-Artikolu 21(17) tal-Att dwar l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 330) jipprovdi:

> ""Appell maghmul taht dan l-artikolu ma jissospendix l-operat ta' xi decizjoni jew direttiva li minnha jsir l-appell".

"Mela l-ordni dahlet fis-sehh minnufih. Lanqas ma jirrizulta li hemm xi procedura li biha l-appellant jista' jitlob lit-Tribunal sabiex jaghti ordni provizorja li twassal ghas-sospensjoni tal-ordni sakemm l-appell jigi deciz.

"Ghalhekk din il-qorti m'hijiex ser tiddikjara li r-rikorrenti naqsu milli jezawrixxu rrimedji ordinarji qabel ipproponew ir-rikors promotur.

"<u>Licenzji</u>

"Wiehed mid-dmirijiet tal-Awtorita' intimata hi li taghti licenzji taht il-Kap. 370. Skond l-Artikolu 4A tal-Att dwar l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330):-

> ""L-ghoti ta' licenza hu koncessjoni u privilegg revokabbli, u ebda detentur taghha m'ghandu jitqies li jkun akkwista xi dritt vestit fiha jew tahtha. Il-piz li tingieb prova tal-kwalifiki tad-detentur ta' licenza li jkollu licenza jinkombi f'kull waqt fuq id-detentur ta' licenza. F'dan is-subartikolu, licenza tinkludi u tapplika ghal kull licenza u awtorizzazzjoni, tkun kif tkun imsemmija, mahruga mill-Awtorita taht xi ligi li tkun responsabbli li tamministra" (enfazi tal-qorti).

"Provvediment li m'huwiex jigi mpunjat fil-kaz in ezami.

"<u>Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.</u>

"Din l-Awtorita' twaqqfet b'ligi (Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta).

"Awtorita' li m'hijiex qorti u lanqas tribunal. Hi awtorita' li d-dmirijiet taghha jinkludu l-amministrazzjoni ta' ligi. Fil-fatt kif l-intimata taghti

licenzji taht il-Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk ukoll ghandha l-vires li taghti ordnijiet fir-rigward ta' dawk il-licenzji.

"Mela l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta m'hijiex tribunal; "A question which arose following the Ringeisen case was whether the Court would say that all such decisions should be transferred to a body that was independent of the executive and otherwise complied with Article 6, or that executive decisions by government departments, local authorities, etc, should all be taken after a hearing conducted by them that complied with Article 6. Either requirement would have been impracticable and quite out of keeping with European traditions. So it is both a relief and sensible that the Court has ruled that neither of these things is called for. Instead, what Article 6 requires is that there must be the possibility of judicial review, or in some cases an appeal on the merits, of administrative decisions that are directly decisive for civil rights and obligations by a body that complies with Article 6"1. Decizjoni tal-Awtorita' intimata hi soggetta ghall-stharrig mit-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji (Kap. 330).

<u>"Poter tal-intimata biex taghti l-ordni tas-16 ta' Settembru 2013.</u>

"Skond l-Artikolu 15(1) tal-Att dwar Is-Servizzi ta' Investiment (Kap. 370):

> ""(1) Bla hsara ghal xi wahda mis-setghat moghtija lilha bl-artikoli 13 u 14 ta' dan l-Att, l-awtorita' kompetenti tista', kull meta jidhrilha xieraq, u sew jekk fuq rapport ta' spettur mahtur taht l-artikolu 14 ta' dan l-Att u sew jekk le, taghti, b'avviz bil-miktub, dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi; u
>
> "kull persuna jew skema msemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu 13 ta' dan l- Att li lilha jinghata l-avviz ghandha tobdi, thares jew xort'ohra taghti effett lil kull direttiva bhal dik fiz-zmien u bil-mod imsemmi fid-direttiva jew f'direttiva ohra wara".
>
> "(2) Bla hsara ghall-generalita' tad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, direttiva taht l-artikolu tista' –
>
> > "(a) tehtieg kull haga li ghandha ssir jew li ma ghandhiex issir, jew timponi kull projbizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni, jew kull htiega ohra, u taghti setghat, dwar kull transazzjoni jew ghemil iehor, jew dwar kull attiv, jew dwar kull hag'ohra tkun li tkun."

"Il-kondizzjonijiet tal-licenzja jinkludu:-

> ""1.07 The Licence Holder shall obtain the written consent of the MFSA before:
>
> "… ...
>
> "d. taking any steps to cease its Investment Services business"; u

"1.14 If so required by the MFSA, the Licence Holder shall do all in its power to delay the cessation of its Investment Services business, or the winding-up of such business so as to comply with conditions imposed by the MFSA, in order to protect the interests of customers."

"Minn qari ta' dawn il-provvedimenti m'hemmx dubju li meta l-Awtorita ordnat lir-rikorrenti "to delay the winding up of its business" ma kenitx qeghda tagixxi ultra vires. Anzi skond il-kondizzjonijiet tal-licenzja li nghatat All Invest, ir-rikorrenti assumiet l-obbligu li tosserva ordni simili. Dan fl-interess tal-klijenti taghha. M'ghandux ikun li llum ghaliex ic-cirkostanzi nbidlu, All Invest taghmilha ta' bir-ruhha li dawk il-kondizzjonijiet u regolamenti qieshom ma jezistux. Kienet ghazla libera taghha li topera taht dawk il-kondizzjonijiet.

"Gialadarba l-intimata agixxiet skond il-ligi wiehed ma jistax jilmenta li l-ordni tas-16 ta' Settembru 2013 tikser il-jedd ta' smiegh xieraq tar-rikorrenti, cjoe' d-dritt li tirrikorri quddiem il-qorti ghax-xoljiment. Dan meqjus ukoll li f'dawn il-proceduri r-rikorrenti m'humiex jikkontestaw il-validita' tal-ligi jew talkondizzjonijiet li japplikaw ghall-licenzja li nghatat All Invest. Kondizzjonijiet li All Invest accettat sabiex tkun tista' topera fin-negozju ta' servizz finanzjarju.

"<u>Email tas-17 ta' Settembru 2013</u>.

"Wara d-dikjarazzjoni li ghamel id-difensur tal-intimata waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2013 (fol. 159), m'hemmx iktar htiega li l-qorti taghti decizjoni dwar dak li jinghad fl-email tas-17 ta' Settembru 2013. Minn dik iddikjarazzjoni l-qorti tikkonkludi li l-intimata m'hijiex tinsisti li r-rikorrenti tirtira r-rikors 888/2013JZM. Ghall-qorti dan jista' jfisser biss li dak li nghad fl-email tas-17 ta' Settembru 2013, cjoe' li All Invest tirrinunzja ghall-proceduri ta' xoljiment, m'ghadux japplika. Mir-rikors promotur hu evidenti li l-ilment principali tar-rikorrenti hu 'l fatt li l-intimata riedet li r-rikorrenti tirrinunzja ghall-proceduri ta' xoljiment. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-paragrafi 15, 17, 18 u 19 tar-rikors promotur.

"Minkejja din il-kjarifika r-rikorrenti komplew jinsistu fuq l-ilment.

"F'kull kaz jirrizulta li sal-lum il-proceduri ghax-xoljiment ta' All Invest ghadhom pendenti. Jidher li l-Awtorita' intimata intervjeniet f'dak il-process. Hu evidenti li l-ordni tas-16 ta' Settembru 2013 ma wasslitx lil All Invest sabiex tirtira lproceduri ghax-xoljiment. Dan apparti li fil-kaz 888/2013JZM il-qorti diga' cahdet talba ghall-hatra ta' amministratur provizorju (ara digriet 17 ta' Marzu 2014) wara li qieset ukoll l-oggezzjoni li rregistraw il-kredituri ta' All Invest. Il-qorti osservat:

""Il-Qorti hija tal-fehma illi fil-kaz tal-lum m`ghandhiex tezercita d-diskrezzjoni taghha u tghaddi ghall-hatra ta` amministratur provvizorju ta` kumpannija li llum mhijiex a going concern. Mhuwiex dan kaz fejn l-assi tal- kumpannija jinsabu in jeopardy. Mhuwiex dan kaz ta` paralizi provokata minn titwim bejn id-diretturi u lazzjonisti; bil-maqlub fil-kaz tal-lum, il-kumpannija, id-direttur u l-azzjonist huma kollha rolled in one.

> Mhuwiex dan kaz ta` dissipation of assets ghaliex fil-kamp taghha u cioe` servizzi finanzjarji, il-kumpannija ma tistax tmur ghal new business.
>
> "Hija l-fehma konsiderata ta' din il-qorti li ghandha tippreserva l-istatus quo fl-interess ta' kulhadd inkluz il-persuni involuti fil-procediment tal-lum."

"Dan fih innifsu hu prova kemm it-talbiet ta' All Invest qeghdin jigu kkunsidrati u lqorti tiddeciedi dwarhom fil-kors ta' process gudizzjarju. Dan minkejja l-ordni li l-Awtorita' tat fis-16 ta' Settembru 2013.

"Ghal dak li jirrigwarda x-xoljiment ta' All Invest, l-avukat Dr Andre' Camilleri, Direttur Generali tal-intimata, spjega:

> ""Ahna hassejna li l-kumpannija All Invest Limited ghandha tibqa' fix-xena meqjus li bhalissa ghad hemm proceduri pendenti fejn klijenti qed iressqu ilmenti kontra din ilkumpannija. Ahna tal-fehma li Mr Wallace Falzon bhala d-direttur tal-kumpannija ghandu jibqa' jirrispondi ghal agir tal-kumpannija. Jekk il-Qorti f'dan l-istadju tghaddi biex tiddikjara xolta l-kumpannija u l-probabilita' hija li jinhatar l-official receiver ser ikollna sitwazzjoni fejn l-ufficjal li tahtar il-Qorti ser ikun sajjem minn taghrif li jafu biss Mr Wallace Falzon. Ghalhekk ahna nhossu li l-ahjar mod kif il-konsumatur jigi protett b'riferenza ghall-investiment li ghamel mal-kumpannija tas-sur Falzon hu billi ghalissa l-kumpannija ma tigix xolta" (fol. 164).

"L-Awtorita' intervjeniet fil-proceduri ghax-xoljiment ta' All Invest. Ghalhekk ser ikollha l-opportunita' li taghmel sottomissjonijiet qabel il-qorti taghti provvediment. Ser tkun il-qorti li tiddeciedi jekk il-kumpannija ghandix tigi xolta. Wara d-dikjarazzjoni li saret fil-5 ta' Novembru 2013 il-qorti hi tal-fehma li m'hemmx il-biza' li sakemm tinghata tali decizjoni ser jittiehdu xi mizuri kontra r-rikorrenti fit-termini tal-Artikolu 22 u 23 tal-Kap. 370. Dan apparti li jekk il-qorti tordna x-xoljiment tal-kumpannija u jinhatar stralcarju, b'ordni tal-qorti ser ikun ittiehed il-kontroll tal-kumpannija minn taht idejn l-uniku direttur Wallace Falzon u jghaddi f'idejn stralcarju mahtur mill-qorti. Ghalhekk id-decizjoni ser tkun tal-qorti u certament mhux tar-rikorrent.

<u>"Stharrig tad-decizjoni tal-Awtorita.</u>

"Jezisti dritt ta' appell minn direttiva li tinghata mill-intimata ai termini tal-Artikolu 15 tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment, Kap. 370 (ara Artikolu 19). Appell li f'dan jidher li r-rikorrenti pproponiet. Jidher li t-Tribunal m'ghandux biss l-awtorita' li jistharreg id-decizjoni tal-Awtorita' izda wkoll li jhassarha. Mela huwa tribunal imwaqqaf b'ligi li jaghti rimedju. Mela l-ordni tal-Awtorita' tas-16 ta' Settembru 2013 ser tigi mistharrga mit-Tribunal dwar is-Servizzi Finanzjarji li twaqqaf bl-Att dwar l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330) u jiddeciedi dwar jekk l-ilment huwiex gustifikat u jaghti rimedju (ara Artikolu 21)."

**6.** L-ewwel Qorti mbaghad tat id-decizjoni taghha kif gia` nghad[1].

## Rikors ta' appell tar-rikorrenti Wallace Falzon u All Invest Company Limited

**7.** B'rikors tat-23 ta' Ottubru 2014 ir-rikorrenti Wallace Falzon u All Invest Company Limited appellaw mis-sentenza msemmija tal-ewwel Qorti u talbu lil din il-Qorti joghgobha tirriforma l-istess sentenza tat-3 ta' Ottubru 2014 billi filwaqt li tikkonfermaha inkwantu kkonkludiet (a) li Wallace Falzon kellu nteress li jipproponi dawn il-proceduri flimkien ma' All Invest; u (b) li l-istess Qorti m'hijiex ser tiddikjara li r-rikorrenti naqsu milli jezawrixxu r-rimedji ordinarji qabel ipproponew ir-rikors promotur, thassarha mill-bqija u minflok tichad l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` appellata u tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-Awtorita` appellata.

## L-aggravji tar-rikorrent appellant

**8.** L-aggravji tar-rikorrent appellant huma sostanzjalment is-segwenti:

1. L-ewwel Qorti kellha l-kompetenza taghmel stharrig tad-direttiva tal-Awtorita` tas-16 ta' Settembru 2013 u kkontradiciet ruhha meta l-ewwel iddecidiet li m'hijiex ser tiddikjara li r-rikorrenti naqsu milli jezawrixxu r-rimedju ordinarju qabel ipproponew ir-rikors promotur u dan ghaliex appell lit-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji ta' Malta ma jissospendix l-operat ta' decizjoni jew direttiva li

[1] Ara para. 1 *supra*.

minnha jsir l-appell, izda imbaghad ikkonkludiet li l-ordni jew direttiva msemmija kienet soggetta ghal appell lit-Tribunal imsemmi li kellu l-awtorita` jistharreg l-istess direttiva u li jhassarha u jaghti rimedju.

2. L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi meta ddecidiet illi a tenur tal-Artikolu 15(1) u 2(a) tal-Kap. 370 u l-kondizzjonijiet tal-licenzja 1.07 u 1.14 l-Awtorita` ma kinitx qeghda tagixxi kontra l-ligi meta ordnat lir-rikorrenti *"to delay the winding up of its business"* kif jinghad fid-direttiva msemmija tas-16 ta' Settembru 2013.

3. L-ewwel Qorti ghamlet ukoll apprezzament zbaljat tal-ligi u tal-fatti meta kkonkludiet illi wara d-dikjarazzjoni tal-5 ta' Novembru 2013 ma kienx hemm il-biza' li sakemm tinghata decizjoni mill-Qorti ser jittiehdu xi mizuri kontra r-rikorrenti fit-termini tal-Artikolu 22 u 23 tal-Kap. 370.

4. L-ewwel Qorti ma jmisshiex akkollat l-ispejjez kollha tal-kawza lill-appellanti.

**<u>Risposta tal-Awtorita` apellata ghall-appell</u>**

**9.** Fir-risposta taghha tal-14 ta' Novembru 2014, l-Awtorita` appellata wiegbet ghall-appell billi sostniet li ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta, l-appell kellu jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-apellanti.

**10.** Fil-qosor, is-sottomissjonijiet tal-awtorita` appellata huma s-segwenti:

1) Dwar l-ewwel aggravju tal-appellanti, l-Awtorita` appellata ssostni li l-ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li ma taghmilx stharrig tad-direttiva tal-Awtorita` stante li l-appellanti kellhom mezzi ohra biex jakkwistaw rimedju ghall-ilmenti taghhom billi jipprovaw jimpunjaw id-direttiva inkwistjoni permezz ta' appell lit-Tribunal ghas-Servizzi Finanzjarji taht l-Artikolu 21 tal-Kap. 330, kif fil-fatt eventwalment ghamlu, u in segwitu` b'appell lill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) skont is-subartikolu (14) tal-istess artikolu, kif ukoll setghu jimpunjaw l-istess direttiva permezz ta' proceduri ghal stharrig gudizzjarju skont l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. L-Awtorita` appellata inoltre nsistiet li d-direttiva li nghatat ma kinitx biex l-appellanti jirtiraw il-proceduri ta' stralc izda sabiex jirrallentaw l-istess proceduri (*delay the winding up*) sakemm jigu sodisfatti numru ta' kondizzjonijiet.

2) Dwar it-tieni aggravju, id-direttiva inkwistjoni ma kienet b'ebda mod *ultra vires* peress li kienet pjenament skont il-ligi u r-regolamenti relevanti u kienet gustifikata fic-cirikostanzi tal-kaz, mehud in konsiderazzjoni li r-rikorrenti joperaw f'settur regolat u volontarjament intrabtu li josservaw regoli specjalizzati sabiex joffru servizzi u investimenti lill-konsumaturi f'Malta u ghalhekk l-istess rikorrenti ma jistghux skont kif jaqblilhom jaghzlu li jinvokaw il-ligi generali tal-kumpaniji u jabdikaw mill-obbligi u responsabiltajiet taghhom taht il-ligi specjali li tirregola s-settur li fih huma ghazlu li joperaw. Wara kollox l-Awtorita` qatt ma ppretendiet li s-socjeta` rikorrenti qatt ma ghandha tigi stralcjata izda biss li l-proceduri tal-istralc jigu rallentati sabiex ir-rikorrenti jassumu r-responsabiltajiet

taghhom lejn il-klijenti taghhom billi jigi zgurat li l-investimenti tal-klijenti jigu ppreservati u trasferiti b'mod ordnat u l-ilmenti taghhom jigu rizolti qabel ma s-socjeta` tinghalaq ghal kollox.

3) Inkwantu ghat-tielet aggravju, li skont l-Awtorita` ssemma biss fil-bidu tal-appell izda imbaghad ma giex trattat fl-istess appell, l-ewwel Qorti kienet korretta fl-apprezzament tal-fatti u tal-ligi applikabbli fejn rriteniet li, minkejja l-*email* tas-17 ta' Settembru 2013 li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti giet mitluba tirtira r-rikors ghall-istralc, wara d-dikjarazzjoni tal-5 ta' Novembru 2013 ma kienx hemm il-biza' li sakemm tinghata decizjoni mill-Qorti kienu ser jittiehdu xi mizuri kontra s-socjeta` rikorrenti a tenur tal-Artikoli 22 u 23 tal-Kap. 370. Di fatti fil-5 ta' Novembru 2013 l-Awtorita` vverbalizzat fil-Qorti li hija kienet qed tistrieh unikament fuq id-Direttiva tas-16 ta' Settembru 2013 u konsegwentement is-socjeta` rikorrenti appellanti permezz tal-avukati taghha ddikjaraw li l-ilment tas-socjeta` hu limitat ghal fatt illi fl-ordni tas-16 ta' Settembru inghatat direttiva *"to delay the winding up of its business"*.

4) Dwar ir-raba' aggravju, li jittratta mill-ispejjez tal-kawza, l-Awtorita` ssostni li dawn korrettement gew akkollati lir-rikorrenti peress li wara l-verbal tal-Awtorita` tal-5 ta' Novembru 2015 ir-rikorrenti ssoktaw bil-kawza u komplew jinsistu li d-drittijiet fundamentali taghhom kienu gew lezi liema pretenzjoni giet michuda mill-Qorti li ghalhekk ma kellhiex xelta ohra hlief li tordna lir-rikorrenti jhallsu l-ispejjez kollha. Dwar l-eccezzjoni taghha gewx ezawriti r-rimedji ordinarji jew le, l-Awtorita` tippreciza li l-ewwel Qorti qatt ma cahdet din l-eccezzjoni izda biss astjeniet milli tiddikjara gewx ezawriti dawk ir-rimedji.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

*L-ewwel aggravju*

**11.** Permezz ta' dan l-ewwel aggravju s-socjeta` appellanti tinsisti li l-ewwel Qorti kellha l-kompetenza necessarja sabiex tistharreg id-direttiva tal-Awtorita` appellata tas-16 ta' Settembru 2013 u kkontradiciet lilha nfisha f'dan ir-rigward fejn iddecidiet li ma kinitx ser tiddikjara li r-rikorrenti kienu naqsu millli jezawrixxu r-rimedji ordinarji qabel ipproponew ir-rikors promotur.

**12.** Din il-Qorti tistqarr li ssibha difficli tifhem xi jridu jghidu r-rikorrenti b'li l-ewwel Qorti kellha l-kompetenza sabiex tistharreg id-direttiva msemmija tas-16 ta' Settembru 2013, bhallikieku dan, l-ewwel Qorti ma ghamlitux. Jekk ir-rikorrenti jridu jfissru li l-ewwel Qorti kellha l-kompetenza tistharreg il-legalita` o meno ta' dik id-direttiva dan l-ewwel Qorti ghamlitu u waslet ghall-konkluzjoni li l-Awtorita` appellata kellha s-setgha skont il-ligi taghti dik id-direttiva. Dan l-ewwel Qorti ghamlitu f'dik il-parti tas-sentenza appellata intitolata *"Poter tal-intimata biex taghti l-ordni tas-16 ta' Settembru 2013"* u waslet ghall-konkluzjoni li *"m'hemmx dubju li meta l-Awtorita` ordnat lir-rikorrenti 'to delay the winding up of its business' ma kinitx qeghda tagixxi ultra vires .... Gialadarba l-intimata agixxiet skond il-ligi wiehed ma jistax jilmenta li l-ordni tas-16 ta' Settembru 2013 tikser il-jedd ta' smiegh xieraq tar-rikorrenti."*

**13.** In sostenn ta' dan l-aggravju l-appellanti jiccitaw dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti rrilevat li mid-direttiva tal-Awtorita` kien hemm appell lit-Tribunal dwar is-Servizzi Finanzjarji li *"mhux biss kellu l-Awtorita` li jistharreg id-decizjoni tal-Awtorita` izda wkoll li jhassarha"*, u li ghalhekk kien l-istess tribunal mwaqqaf b'ligi li kien ser jaghti rimedju. B'daqshekk, izda, l-ewwel Qorti ma kinitx qed tiddeklina milli tistharreg il-legalita` tad-direttiva inkwistjoni. Dan l-ewwel Qorti kienet gia` ghamlitu fil-parti precedenti tal-istess sentenza kif fuq inghad u ghamlitu inkwantu necessarju sabiex l-ewwel Qorti tiddeciedi kienx hemm, jew x'aktarx hux ser ikun hemm, lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq kif il-kwistjoni giet impostata mill-appellanti. Il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti kienet li d-direttiva tal-Awtorita` kellha bazi legali konsistenti fid-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kap. 370 u fil-kondizzjonijiet tal-licenzja tas-socjeta`[2] u dan kien bizzejjed ghall-finijiet tal-indagni li kellha taghmel l-ewwel Qorti.

**14.** Il-parti tas-sentenza appellata li minnha tilmenta s-socjeta` appellanti tmur oltre l-ezami tas-setgha tal-Awtorita` li taghti d-direttiva li tat. Fil-parti tas-sentenza li minnha jilmentaw l-appellanti l-ewwel Qorti stabbiliet ukoll li fil-kaz li tigi kontestata d-direttiva msemmija l-appellanti kellhom dritt ta' appell quddiem, u allura access ghal, tribunal imwaqqaf b'ligi sabiex jistharreg l-ilment taghhom dwar l-istess direttiva u jaghtihom ir-rimedju opportun jekk ikun il-kaz – access li l-appellanti

[2] L-Artikolu 15(1) tal-Kap 370 u l-kondizzjonijiet 1.07 u 1.14 tal-licenzja tas-socjetà

kienu gia` rrikorrew ghalih u l-appell relattiv kien ghadu qieghed jinstema'. Dan kien proprju dak mistenni mill-ewwel Qorti fl-evalwazzjoni taghha jekk kienx hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq kif pretiz mis-socjeta` appellanti.

**15.** L-appellanti jkomplu jikkonfondu l-affarijiet, deliberatament jew inavvertitament, meta jaghmlu riferenza ghal dak deciz mill-ewwel Qorti f'parti ohra tas-sentenza taghha, intitolata "Rimedji Ordinarji", fejn l-ewwel Qorti stqarret li ma kinitx ser tiddikjara li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji. Dan l-appellanti jaghmluh f'tentattiv biex juru li l-ewwel Qorti kienet b'hekk waqghet f'kontradizzjoni.

**16.** Dan assolutament mhux il-kaz. Kjarament l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li fic-cirkostanzi kollha ma kienx opportun li tezercita d-diskrezzjoni taghha favur li tiddeklina mill-ezercizzju tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha peress li minkejja li l-ligi ordinarja kienet tipprovdi ghal rimedju taht forma ta' appell lit-Tribunal ghas-Servizzi Finanzjari ma kinitx tipprovdi ghas-sospenzjoni tad-direttiva tal-Awtorita` pendenti s-smigh tal-appell mit-Tribunal. Ma hemm xejn kontradittorju fis-sentenza appellata.

**17.** Dan l-ewwel aggravju, li jirrazenta l-fieragh, qieghed ghalhekk jigi respint.

*It-tieni aggravju*

**18.** Permezz ta' dan it-tieni aggravju l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-ligi meta ddecidiet li l-Awtorita` appellata ma kinitx qieghda tagixxi kontra l-ligi meta tat id-direttiva lir-rikorrenti "*to delay the winding up of its business*".

**19.** In sostenn ta' dan l-aggravju l-appellanti jidhlu biex jaghmlu diskwizizzjoni dettaljata u elaborata tad-diversi dispozizzjonijiet tal-Kap. 370, tal-Kap. 383, tal-Kap. 386 u tal-Kap. 330 u tar-regolamenti relevanti f'tentattiv biex juru li d-direttiva tar-rikorrenti kienet kontra l-ligi.

**20.** Din l-indagni, izda, tinsab pendenti quddiem il-qrati u tribunali ordinarji mwaqqfa skont il-ligi sabiex jiddeciedu dwar id-dritt jew obbligu civili li dwaru nholqot il-vertenza bejn il-partijiet u ghalhekk f'dan l-istadju hija ta' kompetenza taghhom. Inoltre, jirrizulta li l-appellanti ghandhom dritt ta' appell mid-direttiva li minnha jilmentaw lil tribunal mwaqqaf skont il-ligi u qeghdin juzufruwixxu minn dak id-dritt. Ghalhekk l-indagni dwar jekk id-direttiva li inghatat mill-Awtorita` appellata tirrientrax fil-parametri tas-setgha vestita fiha bil-ligi tispetta f'dan l-istadju lil dak it-Tribunal. Kif inghad, ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali kien bizzejjed dak determinat mill-ewwel Qorti li d-direttiva li minnha jilmentaw l-appellanti kellha l-bazi taghha fil-ligi li tirregola l-materja.

**21.** Il-premess qieghed jinghad fid-dawl ukoll tal-fatt li ghalkemm fir-rikors promotorju l-ilment tar-rikorrenti appellanti kien jestendi wkoll ghall-e-mail tal-Awtorita` tas-17 ta' Settembru 2013 fejn huma gew mitluba jikkonfermaw li kienu ser jirtiraw il-proceduri ta' stralc, ir-rikorrenti, bil-verbal taghhom tal-5 ta' Novembru 2013 quddiem l-ewwel Qorti, ghazlu li jirrestringu l-portata tar-rikors promotorju taghhom ghad-direttiva tal-Awtorita` tas-16 ta' Settembru 2013 sabiex jittardjaw (*to delay*) il-proceduri ta' stralc. Dan il-verbal sar wara l-verbal tal-Awtorita` tal-istess data tal-5 ta' Novembru 2013 li bih iddikjarat li d-direttiva taghha hija limitata ghall-kontenut tad-direttiva mahruga mis-*supervisory council* tal-Awtorita` fis-16 ta' Settembru 2013. Ghalhekk, kull lanjanza li seta' kellhom l-appellanti dwar l-e-mail tas-17 ta' Settembru 2013 giet minnhom estromessa mill-parametri tal-proceduri tal-lum bil-verbal taghhom tal-5 ta' Novembru 2013.

**22.** Dan l-aggravju qieghed ukoll jigi michud.

*It-tielet aggravju*

**23.** Fit-tielet lok l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti kienet ukoll zbaljata fl-apprezzament taghha tal-ligi u tal-fatti li wassalha ghall-fehma taghha li wara d-dikjarazzjoni tal-5 ta' Novembru 2013 ma kienx hemm biza' li sakemm tinghata decizjoni mill-qorti ser jittiehdu xi mizuri kontra r-rikorrenti fit-termini tal-Artikoli 22 u 23 tal-Kap. 370.

**24.** Dan l-aggravju tar-rikorrenti jistrieh fuq dak li xehedet Dr. Michelle Mizzi Buontempo fil-21 ta' Mejju 2014 fejn iddeponiet li fejn precedentement, fil-21 ta' Marzu 2014, kienet xehedet li r-regoli li japplikaw ghall-Awtorita` jaghtuha l-awtorita` *"li taghmel delay ta' din it-tip ta' azzjoni"*[3] riedet tfisser li l-Awtorita` ghandha l-poter li taghti ordni lill-*licensee* li ma jibdiex procedura ta' xoljiment fil-Qorti.

**25.** B'danakollu, b'effett tal-verbal tal-5 ta' Novembru 2013 illum 'il gurnata l-Awtorita` intimata qeghdha tistrieh fuq dak li jinghad fid-direttiva taghha tas-16 ta' Settembru 2013[4] li dikjaratament inghatat mill-Awtorita` skont is-setghat moghtija lilha bl-Artikolu 15 tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment, 1994. Fl-istess direttiva saret riferenza ghar-regola 1.14 ta' parti BI tal-*Investment Services Rules for Investment Services Providers* li tipprovdi li:

> *"If so required by the MFSA, the Licence Holder shall do all in its power to delay the cessation of its Investment Services business, or the winding-up of such business so as to comply with conditions imposed by the MFSA, in order to protect the interests of customers."*

**26.** Konsegwentement, l-Awtorita` ddirigiet lis-socjeta` rikorrenti:

> *"to delay the winding up of its business until such time as the following conditions are satisfied:*
>
> *"a) the transfer of clients' holdings is completed in an orderly manner; and*
>
> *"b) any pending complaints/court proceedings instituted against All Invest have been determined by the courts;*

[3] Fol. 265

[4] Fol. 100

> *"c) the Authority is satisfied that arrangements are in place for the proper safeguard of the company's records and customer file."*

**27.** Id-direttiva msemmija hi ffirmata mid-Direttur Generali tal-Awtorita` li jippresjedi l-Kunsill ta' Sorveljanza li jsegwi u jissorvelja persuni u entitajiet ohra licenzjati jew awtorizzati mill-Awtorita` fis-settur ta' servizzi finanzjarji. Hija din id-direttiva li hi vinkolanti fuq ir-rikorrenti u hi fuq din id-direttiva li l-Awtorita` qeghdha tistrieh u r-rikorrenti ghazlu li jarginaw l-azzjoni taghhom ghal din id-direttiva li tesigi biss li r-rikorrenti jittardjaw il-proceduri ta' stralc u mhux li jirtirawhom. Ghalhekk, x'setghet fehmet Dr. Michelle Mizzi Buontempo dwar il-portata tas-setghat moghtija lill-Awtorita` permezz tar-regoli li japplikaw ghaliha mhux ta' siwi u hu rrelevanti ghal dan l-istadju tal-proceduri.

**28.** Isegwi li l-ewwel Qorti kellha ragun tikkonkludi li sakemm il-qorti kompetenti tiddeciedi dwar jekk il-kumpanija rikorrenti ghandhiex tigi xjolta ma kienx hemm il-biza' li ser jittiehdu xi mizuri kontra r-rikorrenti skont l-Artikoli 22 u 23 tal-Kap. 370 u dan tenut kont tal-fatt li l-Awtorita` intimata kienet intervjeniet fil-proceduri ta' xoljiment tas-socjeta` rikorrenti, bid-dikjarazzjoni li l-Awtorita` ghamlet bil-verbal taghha waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2013 l-istess Awtorita` ma kinitx qeghdha tinsisti li r-rikorrenti jirtiraw il-proceduri ta' stralc, il-Qorti fil-proceduri kienet tal-fehma li ma ghandhiex tezercita d-diskrezzjoni taghha li tahtar amministratur provizorju tas-socjeta` rikorrenti li llum ma hix aktar *a*

*going concern*, u l-istess Qorti kienet waslet ghall-konkluzjoni li hija ghandha tipprezerva l-i*status quo*.

**29.** Ghaldaqstant dan it-tielet aggravu huwa nfondat u qieghed jigi wkoll michud.

*Ir-raba' aggravju*

**30.** Dan l-aggravju jirrigwarda l-ispejjez tal-kawza u permezz tieghu r-rikorrenti jsostnu li huma ma kellhomx jigu akkollati bl-ispejjez kollha tal-kawza tenut kont li l-eccezzjonijiet preliminari tal-Awtorita` intimata effettivament gew michuda mill-ewwel Qorti u kien biss fil-mori tal-kawza li l-istess Awtorita` rtirat it-talba taghha kontenuta fl-e-mail tas-17 ta' Settembru 2013.

**31.** Ma hemmx dubju li f'dan l-aggravju r-rikorrenti appellanti ghandhom in parti ragun. Di fatti l-ewwel Qorti effettivament cahdet iz-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-Awtorita` appellata u dan kellu jigi rifless fil-kap tal-ispejjez. Mhux l-istess jista' jinghad rigward in-nuqqas tal-Awtorita` li tkompli tinsisti fuq il-kontenut tal-e-mail tas-17 ta' Settembru 2013. Wara l-verbal relevanti tal-Awtorita` fuq din il-materja, ir-rikorrenti baqghu jinsistu pjenament fuq it-talbiet taghhom bid-differenza li rtiraw mill-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti l-e-mail fuq imsemmija izda minghajr ma dan kellu xi impatt sostanzjali fuq l-estenzjoni tal-ezami li xorta wahda kellha taghmel din il-Qorti. Ghalhekk

dan l-aggravju huwa parzjalment fondat u din il-Qorti ser tirrifletti dan fil-kap tal-ispejjez.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' in parte l-appell tar-rikorrenti billi thassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjez tal-kawza in prim'istanza jithallsu kollha mir-rikorrenti u minflok tordna li l-ispejjez f'dik l-istanza riferibilment ghaz-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-Awtorita` intimata appellata ghandhom jithallsu mill-istess Awtorita` filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti appellanti, u tikkonfermaha fil-bqija.

L-ispejjez tal-appell jithallsu mill-appellanti hlief dawk relattivi ghar-raba' aggravju, li ghandha thallashom l-Awtorita` intimata.

| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri |
|---|---|---|
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur

ld